TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 290/13-F

**Diane Galea**

**vs**

**Tabone Computer Centre Ltd.**

Illum 13 ta' Mejju, 2014

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-18 ta' Diċembru, 2013 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' seba' mija, u erbgħa u ħamsin ewro (€754), rappreżentanti prezz ta' *laptop* illi minkejja li ħaditu diversi drabi għat-tiswija xorta baqa' bl-istess problema.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huwa rappreżentant tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kienet xtrat *laptop* mingħand is-soċjeta' ntimata u dan il-*laptop* beda jintefa' u jiġi *sleep mode* u minkejja li ħaditu darbtejn għat-tiswija, dan reġa' ġie lura bl-istess problema.

L-intimat daparte tiegħu issottometta illi għamel minn kollox sabiex jara x'inhi l-problema, anke biddel is-*software*, pero' l-problema kienet fl-i*screen magnet*. L-intimat issottometta illi l-i*screen* beda jiċċaqlaq bil-*cover* tal-*laptop*. Fil-fatt sar xi esperiment fit-Tribunal fejn juri li l-*cover* qed jikkawża din il-problema.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, mhuwiex konvint illi hemm problema serja jew li hemm problema fil-*laptop* imma jirriżulta li mill-*cover* li qed jikkawża iċ-ċaqliq fil-*magnet* li jagħmlu *sleep mode*.

It-Tribunal, ukoll jikkonsidra l-Kontro-Talba tas-soċjeta' ntimata. It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet jikkonsidra li l-*laptop* m'għandu xejn ħazin imma l-problema ġejja mill-*cover*.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, u kif ukoll qed jiċħad il-Kontro-Talba tas-soċjeta' ntimata, u b'kull parti tħallas l-ispejjeż tagħha ta' dawn il-proċeduri.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888